MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 218/2010

**Daniela Zwack-Wandrey (Karta ta' l-Identità bin-Numru 37506A)**

**Vs**

**In-Sight Ltd. (C-8006)**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Daniela Zwack-Wandrey fl-14 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema titlob li l-Qorti tiddikjara li t-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjetà In-Sight Ltd. fil-konfront taghha bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2384/09 huwa null stante li l-ittra ufficjali imsemmija hija difettuza in kwantu ma tissodisfax ir-rekwiziti kollha mehtiega sabiex jigi rregistrat titolu ezekuttiv a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata;

Rat ir-Risposta tas-socjetà In-Sight Ltd. permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti billi l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2384/09 tissodisfa r-rekwiziti kollha rikjesti mill-Ligi u ghalhekk it-titolu ezekuttiv taghha kontra r-Rikorrenti hu validu fil-Ligi, u billi r-Rikors promotur sar *fuori termine* ghaliex ma giex ipprezentat fi zmien ghoxrin (20) gurnata min-notifika lir-Rikorrenti tal-Mandat Ezekuttiv kif tistipula l-ligi;

Rat il-vera kopja ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2384/09 esebita a fol.22 tal-process, rat il-*Board Resolution* tas-socjetà intimata favur l-Avukat Dottor Louis Bianchi datata 2 ta' Jannar 2009 a fol 28 tal-process, u rat il-fotokopja ta' l-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv bin-Numru 1182/10 fl-ismijiet "In-Sight Limited v. Daniela Zwack-Wandrey" a fol 13 tal-process;

Rat ir-Rikors tas-socjetà intimata pprezentat fit-3 ta' Novembru 2010 u rat id-Digriet Taghha ta' l-14 ta' Jannar 2011;

Semghet ix-xhieda ta' Trafford Busuttil, rapprezentant tas-socjetà intimata, moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2010;[1];

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors promotur da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti processwali jirrizulta li fit-28 ta' April 2009, is-socjetà intimata pprezentat ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-hlas tas-somma ta' €3,229, oltre l-imghaxijiet relattivi mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament, rapprezentanti senserija

[1] Fol. 19 tal-process.

minnha dovuta lis-socjetà intimata in konnessjoni mal-lokazzjoni minnha tal-fond "Feyrouse" Triq Borg Olivier, San Giljan, minghand certu Halim Wannous. Din l-ittra ufficjali, li ggib in-Numru 2384/09, giet notifikata lir-Rikorrenti izda din naqset milli tirrispondi ghaliha bil-mod u entro t-terminu stipulat fl-Artikolu 166A(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement in forza ta' dak provdut fl-Artikolu 166A(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta s-socjetà intimata ottjeniet titolu ezekuttiv fil-konfront tar-Rikorrenti. In bazi ghal dan it-titolu ezekuttiv is-socjetà intimata ottjeniet fil-konfront tar-Rikorrenti l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv bin-Numru 1182/10.

In segwitu ghall-hrug ta' dan il-Mandat ta' Qbid ir-Rikorrenti ipprezentat ir-Rikors odjern fejn titlob li t-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjetà intimata fil-konfront taghha bis-sahha ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 2384/09 jigi dikjarat null ghaliex dik l-istess ittra ufficjali ma tissodisfax ir-rekwiziti mehtiega fil-Ligi saibex titqies titolu ezekuttiv a tenur ta' l-Artikolu 166A(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex dak it-tiolu ezekuttiv jigi registrat bhala tali a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difett li skond ir-Rikorrenti jimpingi fuq il-validità ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 2384/09 u konsegwentement fuq il-validità tat-titolu ezekuttiv tas-socjetà intimata fil-konfront taghha hu li *l-persuna li hadet il-gurament fuq din l-ittra, Dottor Louis Bianchi, ma annetta l-ebda awtorizzazzjoni mitkuba illi ppermettietlu milli jaghmel dan*[2]*.*

Is-socjetà intimata topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u tghid li t-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront ta' l-istess Rikorrenti hu validu in kwantu l-ittra ufficjali bin-Numru 2384/09 tissodisfa r-rekwiziti kollha necessarji skond l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – *din l-ittra ufficjali kienet giet ipprezentata, kienet giet mahlufa mill-Avukat Dottor Louis Bianchi li kien gie ghal dan l-iskop debitament awtorizzat mis-socjetà esponenti li jidher ghas-socjetà u jikkonferma l-kreditu taghha fil-konfront ta' Daniela Zwack Wandrey. Ghal kull buon fini jigi rilevat illi l-*

---

2 Para. 3 tar-Rikors promotur, fol. 1 tal-process.

*ligi ma tistipulax il-htiega illi l-awtorizzazzjoni trid tigi annessa ma' l-Att*[3]*.* Is-socjetà intimata topponi t-talba tar-Rikorrenti in bazi ghal premessa ohra u cioè li r-Rikors promotur sar *fuori termine* ghaliex ma giexipprezentat fi zmien 20 gurnata min-notifika tar-Rikorrenti bil-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1182/10, kif tistipula l-Ligi[4].
Fid-dawl ta' din l-ahhar kontestazzjoni tas-socjetà intimata, il-Qorti hi tal-fehma li qabel ma tghaddi biex tezamina l-mertu tar-Rikors promotur ghandha l-ewwel tiddetermina jekk l-istess Rikors giex ipprezentat *fuori termine* jew le.

L-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur* ***fiz-zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu***[5]*, il-qorti tkun sodisfatt: (i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1),(2) jew (3): B'dan illi dan ir-rikors ghandu jigi appuntat ghas-smigh fi zmien gimghatejn.*

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa car li l-azzjoni li d-debitur jista' jiehu biex jitlob in-nullità ta' titolu ezekuttiv ottenut kontra tieghu bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi istitwita <u>fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika</u> li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew xi att giudizzjarju iehor bbazat fuq dak it-titolu.

Mill-atti processwali jirrizulta li r-Rikors promotur gie pprezentat fl-14 ta' Gunju 2010 u r-Rikorrenti tikkontendi li *hija giet notifikata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju*

---

[3] Para. 3 tar-Risposta tas-socjetà intimata, fol. 11 tal-process.
[4] Para. 7 tar-Risposta tas-socjetà intimata, fol. 12 tal-process.
[5] Enfasi tal-Qorti.

*b'mandat ezekuttiv ta' qbid tramite l-avukat Germaniz taghha, Kai Jochimsen*[6]. Ghalhekk skond ma tghid ir-Rikorrenti r-Rikors gie pprezentat entro t-terminu ta' 20 gurnata stipulat fil-Ligi.

Is-socjetà intimata min-naha taghha però tikkondenti li *il-Mandat ta' Qbid in kwistjoni li jgib in-numru 1182/2010 gie pprezentat fis-7 ta' April 2010. Skond ir-riferta tat-3 ta' Mejju 2010 dan il-Mandat kien gie ezegwit dik il-gurnata, izda minhabba li certu Brian Carsten kien fixkel il-Marixxal, l-istess Marixxal ma setghax jaghmel xogholu. Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mir-Rikorrenti hija ma kienitx giet notifikata fil-25 ta' Mejju 2010 izda fit-3 ta' Mejju 2010, u ghalhekk ir-Rikors odjern kif ipprezentat minnha fl-14 ta' Gunju 2010 huwa fuori termine ghax ma giex ipprezentat f'zmien ghoxrin (20) gurnata kif tistipula l-Ligi*[7]. In sostenn tal-pretensjoni taghha s-socjetà intimata pprezentat fotokopja tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1182/10, bir-riferti tal-Marixxal[8].

Minn ezami tar-riferti relattivi ghall-Mandat ta' Qbid in kwistjoni jirriuzlta li bhala fatt sat-3 ta' Mejju 2010 il-Mandat kien ghadu ma giex esegwit. L-ewwel tentattiv ta' esekuzzjoni li sar fit-12 ta' April 2010 falla ghaliex il-kunsinnatarju nominat mill-Qorti ma kienx prezenti u ghalhekk ma setghetx issir l-elevazzjoni. It-tieni tentattiv ta' esekuzzjoni li sar fit-3 ta' Mejju 2010 falla wkoll ghaliex il-Marixall giet ostakolata f'xogholha minn certu Brian Carsten. B'hekk ladarba fi kliem il-Marixxall fit-3 ta' Mejju 2010 il-Mandat ta' Qbid ma giex esegwit ghaliex giet ostakolata f'xogholha minn certu Brian Carsten, il-pretensjoni tas-socjetà intimata li r-Rikorrenti giet notifikata b'dak il-Mandat fit-3 ta' Mejju 2010 u mhux fil-25 ta' Mejju 2010 kif minnha pretiz, ma tistax tregi.

Is-socjetà intimata ma ressqet ebda prova ohra ghajr il-fotokopja tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1182/10 biex issosstni l-pretensjoni taghha li r-Rikors promotur gie pprezentat *fuori termine*. Ma saret ebda prova dwar min

---

[6] Para. 1 tar-Rikors promotur, fol.1 tal-process.
[7] Para. 7 tar-Risposta tas-socjetà intimata, fol. 12 tal-process.
[8] Fol.16 tal-process.

kien dan Brian Carsten u x'konnessjoni jista' ghandu mar-Rikorrenti. Lanqas ma saret prova li Brian Carsten dakinhar tat-3 ta' Mejju 2010 gharraf lir-Rikorrenti bil-hrug tal-Mandat ta' Qbid kontra taghha. Fin-nuqqas ta' prova li sodisfacentement turi li r-Rikorrenti giet notifikata bil-Mandat ta' Qbid fit-3 ta' Mejju 2010 u mhux fil-25 ta' Mejju 2010 kif minnha pretiz, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li r-Rikors promotur gie pprezentat *fuori terimine* u ghalhekk din il-kontestazzjoni partikolari tas-socjetà intimata ghat-talba tar-Rikorrenti ma tistax tigi milqguha.

Sorvolata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi trattat il-mertu tar-Rikors ipprezentat minn Daniela Zwack Wandrey, u cioè jekk it-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjetà intimata fil-konfront taghha bis-sahha ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2384/09, huwiex null ghaliex l-imsemmija ittra ufficjali ma tissodisfax ir-rekwiziti kollha sabiex tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv a tenur ta' l-Artikolu 166A(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex tali titolu ezekuttiv jigi debitament registrat a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-Rikorrenti tikkontendi li l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2384/09 ma fihiex il-htigiet kollha rikjesti mill-imsemmi artikolu tal-Ligi sabiex tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u sabiex tali titolu jigi registrat, ghaliex ma' l-istess ittra ma gietx annessa l-awtorizzazzjoni bil-miktub li turi li l-Avukat Dottor Louis Bianchi kien effettivament awtorizzat mis-socjetà intimata biex a nom taghha jahlef il-kontenut ta' dik l-ittra ufficjali.

Minn ezami ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li r-rekwiziti li ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi jrid ikollha huma s-segwenti:

- It-talba trid tkun ghall-hlas ta' dejn, cert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt u d-dejn ma jistax jkun izjed minn €23,293.73. Jekk id-dejn ma jkunx likwidu, il-kreditur jista' jipprocedi b'din il-procedura jekk

jillimita t-talba tieghu ghall-ammont ta’ €23,293.73 u jirrinunzja espressament ghal kull parti mit-talba tieghu li tista’, meta tigi likwidata, teccedi s-somma ta’ €23,293.73;

- Taht piena ta’ nullità ghandhom jigu dikjarati b’mod car ir-raguni li fuqha tkun ibbazata t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tigi milqugha u dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba;
- Ghandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Ministru tal-Gustizzja b’Avviz Legali u taht piena ta’ nullità ghandu jkun fiha intimazzjoni lid-debitur li jekk ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta’ dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista’ tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta’ firma ta’ Avukat jew Prokuratur Legali, l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv;
- Il-kontenut ta’ l-ittra ghandu jigi kkonfermat bil-gurament mill-kreditur quddiem ir-Registratur tal-Qorti jew quddiem prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht il-Kap.79 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Trid tkun diretta fil-konfront ta’ debitur li hu prezenti f’Malta u ma istax ikun minuri jew persuna inkapacitata skond il-Ligi u id-dejn ma jistax ikun dovut minn eredità gjacenti. Ma jistghux jigu mahtura kuraturi deputati fil-kuntest ta’ dawn il-proceduri;
- Ghandha tigi notifikata lid-debitur izda ma tistax tigi notifikata bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3),(5) jew (6) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Huwa immedjatament evidenti li fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma huwiex rikjest, u tanto meno *ad validitatem*, li meta l-kontenut ta’ l-ittra ufficjali ma jigix ikkonfermat bil-gurament mill-kreditur innifsu izda minn rapprezentant tieghu, il-prokura jew *board resolution* skond il-kaz tigi annessa flimkien ma’ l-ittra ufficjali.

Dawk ir-rekwiziti ta’ ittra ufficjali mahruga ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta li huma mehtiega taht piena ta’ nullità huma indikati espressament fil-Ligi stess u certament ma huwiex il-kompitu ta’ din il-

Qorti li zzid rekwiziti u per di più mehtiega *ad validitatem*, meta l-istess Legislatur ma jkunx ghamel dan!

Fin-Nota pprezentata fis-16 ta' Novembru 2010[9] li permezz taghha esebiet vera fotokopja ta' l-ittra ufficjali in kontestazzjoni, ir-Rikorrenti tespandi l-argument taghha in sostenn tal-pretensjoni li l-ittra ufficjali bin-Numru 2384/09 u l-konsegwenti titolu ezekuttiv derivanti minnha huma nulli.

Hija tikkontendi li *din l-ittra ma gietx akkumpanjata mir-rekwizita awtorizzazzjoni bil-mitkub sabiex Dottor Louis Bianchi seta' jiehu gurament fuq din l-ittra in rapprezentanza ta' In-Sight Ltd., u dan bi ksur ta' l-Artikolu 181A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta[10]. L-Artikolu 181A(2) jsostni li tali att irid jigi pprezentat "minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu." Dan l-att bil-miktub irid ikun anness mal-ittra ufficjali 166A, u dan skond l-Artikolu 166B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta[11], li jsostni li r-Registratur "ghandu jezamina d-dokumenti pprezentati" u jrid ikun "sodisfatt illi l-kondizzjonijiet ghar-registrazzjoni ta' l-ittra ufficjali bhala titolu ezekuttiv jkunu jissussistu." Ir-rekwizit imsemmi ta' l-Artikolu 181A (2) jista' jkun verifikat biss mir-Registratur jekk ikun hemm kopja ta' l-awtorizzazzjoni bil-miktub annessa ma' l-ittra ufficjali 166A. Ghalhekk f'dan il-kaz, ma sarux l-affermazzjonijiet kollha necessarji mir-Registratur, billi l-kundizzjonijiet kollha rekwiziti mill-ligi ma gewx sodisfatti, u ghalhekk l-ittra ufficjali 166A in kwistjoni hija nulla u bla effett, u dan minhabba li l-kontenut taghha ma kienx legalment konfermat bil-gurament mill-kreditur, skond l-Artikolu 166A(2) tal-Ligijiet ta' Malta.*

Jiba biex jigi osservat li r-Rikorrenti ma kenitx awtorizzata minn din il-Qorti biex tressaq sottomissjonijiet ulterjuri bil-miktub wara li r-Rikors gie trattat quddiemHa. L-unika awtorizzazzjoni li kellha r-Rikorrenti kienet biex b'Nota tesebixxi kopja legali jew vera fotokopja ta' l-ittra ufficjali in

[9] Fol. 21 tal-process.
[10] Sottolinear tal-Qorti.
[11] Sottolinear tal-Qorti.

kontestazzjoni! Madanakollu però il-Qorti xorta wahda ser tittratta din is-sottomissjoni ulterjuri tar-Rikorrenti u ser taghti r-ragunijiet Taghha ghaliex ma taqbilx ma' tali sottomissjoni.

Kif johrog car min-Nota tar-Rikorrenti hija tikkontendi li l-awtorizzazzjoni bil-miktub mis-socjetà intimata favur l-Avukat Dottor Louis Bianchi kellha tigi annessa ma' l-ittra ufficjali in kwistjoni ghaliex hekk rikjest mill-Artikolu 181A(2) u mill-Artikolu 166B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-Artikolu 181A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, risposta guramentata jew skrittura bhal dawk imsemmija*[12].

Ghalkemm huwa evidenti mit-test tal-Ligi li l-ezistenza ta' awtorizzazzjoni bil-miktub hija mehtiega, kontra dak pretiz mir-Rikorrenti ma jirrizultax li tali awtorizzazzjoni necessarjament trid tkun annessa ma' l-att giudizzjarji in kwistjoni biex dan ikun validu.

L-Artikolu 166B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *meta jircievi d-dokumenti msemmija fis-subartikolu (2) ir-Registratur ghandu jezamina d-dokumenti pprezentati, jivverifika jekk id-debitur ipprezentax nota ta' twegiba fiz-zmien stipulat u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet ghar-registrazzjoni ta' l-ittra ufficjali bhala titolu ezekuttiv jkunu jissussistu, huwa ghandu jipprocedi biex jirregistra d-dokumenti pprezentati f'registru li jissejjah ir-Registru ta' Ittri Ufficjali bhala Titoli Ezekuttivi li ghandu jinzamm mir-Registratur ghall-iskopijiet ta' l-artikolu 166A.* Id-dokumenti elenkati fl-Artikolu 166B(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta necessarji ghall-fini tar-

---

[12] Sottolinear tal-Qorti.

registrazzjoni tat-titolu ezekuttiv derivanti minn ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta huma: kopja legali ta' l-ittra ufficjali, inkluza l-prova tan-notifika, u kopja ta' kull risposta li tkun giet ricevuta jekk ikun hemm.

Hawn ukoll, kontra dak pretiz mir-Rikorrenti ma jirrizultax li huwa rikjest mill-Ligi li l-awtorizzazzjoni bil-miktub favur il-persuna li tkun ikkonfermat bil-gurament il-kontenut ta' l-ittra ufficjali a nom tal-kreditur ghandha tkun annessa ma' l-ittra ufficjali ghall-finijiet tar-registrazzjoni tat-titolu ezekuttiv derivanti minnha.

B'hekk il-pretensjoni tar-Rikorrenti li l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2384/09 u t-titolu ezekuttiv derivanti minnha huma nulli, hi ghal kollox fattwalment u guridikament infondata u bhala tali ghandha tigi michuda.

Ghal kull buon fini jinghad li l-ezistenza ta' l-awtorizzazzjoni bil-miktub mis-socjetà intimata favur l-Avukat Dottor Louis Bianchi biex a nom taghha jahlef il-kontenut ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni giet debitament ippruvata mill-istess socjetà.

Trafford Busuttil, managing director tas-socjetà intimata, xehed illi *f'Jannar 2009 konna bdejna nahdmu ma' l-Avukat Dr. Louis Bianchi bhala avukat taghna u jiena flimkien ma' hija Graham Busuttil, li ahna diretturi u share holders tas-socjetà intimata, konna hejjejna board resolution li giet iffirmata minna fejn appuntajna lil Dr. Bianchi bhala prokuratur tal-kumpanija biex jiffirma dokumenti u jikkonferma bil-gurament dokumenti ta' l-istess socjetà ghal skopijiet ta' proceduri gudizzjarji*[13]. Il-*Board Resolution* in kwistjoni gietipprezentata mis-socjetà intimata u minnha jirrizulta li s-socjetà intimate effettivament awtorizzat lill-Avukat Dottor Louis Bianchi *to sign and to confirm on oath whenever required on behalf of In-Sight Limited, in respect of all legal matters and all judicial documents and acts*[14]

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2010, fol.20 tal-process.
[14] Fol. 28 tal-process.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi r-Rikors ipprezentat fl-14 ta’ Gunju 2010 billi tichad it-talba tar-Rikorrenti stante li ma hijiex misthoqqa. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------